



Brussell, 21 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

7629/1/24  
REV 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0195(COD)**

---

---

**CODEC 776**  
**ENV 284**  
**CLIMA 110**  
**FORETS 84**  
**AGRI 207**  
**POLMAR 9**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|          |                                                                                                                                                                                |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                  |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (l-ewwel qari)<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

---

1. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta<sup>1</sup> tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Jannar 2023<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Frar 2023<sup>3</sup>.
4. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>4</sup>. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

---

<sup>1</sup> 10607/22 + ADD 1 sa 15.  
<sup>2</sup> ĠU C 140, 21.4.2023, p. 46.  
<sup>3</sup> ĠU C 157, 3.5.2023, p. 38.  
<sup>4</sup> 6985/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE- CONS 74/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Italja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja jivvutaw kontra u l-Belġju, l-Awstrija u l-Finlandja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-ADD 1 REV 1 ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---